MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 358/2007

**Victor Borg u martu Maria Carmela Borg**

**vs**

**Andre` Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-8 ta' Novembru tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex, prevja d-dikjarazzjoni:

1. Illi Victor Borg u Maria Carmela Borg m'humiex debituri ta' Andre` Scerri;
2. Illi l-oggetti mobbli maqbuda in esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 2053/07 huma proprjeta` tal-konjugi Borg;

3. Illi d-digriet tal-qorti datat it-22 t'Ottubru tas-sena 2007 fl-atti tal-imsemmi mandat ta' qbid ezekuttiv jigi revokat *contrario imperio;*

M'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas d-danni;

2. Bl-ispejjez sofferti mill-konjugi Borg;

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata t-28 ta' Jannar tas-sena 2008, li permezz taghha rrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi, in linea preliminari l-intimat Andre` Scerri jichad u jirrespingi bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti Borg;

2. Illi, r-rikorrenti Victor u Maria Carmela, konjugi Borg, m'humiex debituri tal-intimat Andre` Scerri;

3. Illi, permezz ta' sentenza moghtija fil-kawza 6/07 MM, nhar it-30 t'April tas-sena 2007, l-intimat Simon Borg gie kkundannat ihallas lil Andre` Scerri s-somma ta' hamest elef sitt mija tlieta u hamsin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (LM5,653.17,0), inkluzi l-ispejjez kollha u l-imghax legali, [vide Dok `A'];

4. Illi, jirrizulta li Simon Borg jghix fir-residenza li ggib in-numru 3, Alley 3, Triq il-Providenza, Hal-Balzan;

5. Illi, sussegwentement Andre` Scerri applika l-hrug ta' Mandat ta' Qbid f'isem l-istess Simon Borg sabiex jenforza s-sentenza konfermata u jesegwixxi d-drittijiet tieghu;

6. Illi, permezz tal-Mandat ta' Qbid numru 2053/07, (Marixall JB), fl-ismijiet Andre` Scerri vs Simon Borg [vide Dok `B`], li gie servut fl-indirizz 3, Alley 3, Triq il-Providenza, Hal-Balzan, gew maqbuda diversi oggetti tal-ghamara;

7. Illi, l-genituri ta’ Simon Borg, irreklamaw li l-oggetti maqbuda ma kienux jappartjenu lil binhom Simon Borg, izda kienu taghhom u li fil-fatt Simon Borg ma kienx jghix hemm. Hawnhekk intalbet xi prova ta’ proprjeta` izda r-rikorrenti odjerni ma pprovdew xejn;

8. Illi, sabiex ikomplu jsostnu t-tezi taghhom, fil-mori tal-mandat giet ipprezentata kopja tar-registru elettorali li juri li Simon Borg m’huwiex irregistrat f’dak l-indirizz [vide Dok`C`];

9. Illi, Andre` Scerri wera bic-car kemm ir-rikorrenti ordjerni ppruvaw iqarqu bil-qorti billi jipprezentaw provi skaduti li juru stampa differenti mill-verita` attwali;

10. Illi, tant kemm kien car il-qerq tal-kontedenti, li l-Onorabbli Qorti akkordat il-hrug tal-mandat minkejja d-diversi ripetuti tentattivi tal-kontendenti u tat-tifel taghhom Simon Borg li jizvijjaw u jistultifikaw il-verita`, nhar id-19 t’Ottubru tas-sena 2007;

11. Illi, ghalhekk l-oggetti mobbli maqbuda, permezz tal-Mandat ta’ Qbid ma jistghu jigu ddikjarati li huma proprjeta` tal-konjugi Victor u Maria Carmela Borg;

12. Illi, r-rikorrenti m’ghandhom l-ebda interess guridiku fil-mandat 2053/07, (Marixxal JB), u huwa biss l-intimat f’dak il-mandat li jista` jiehu l-proceduri sabiex titwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza u ghalhekk anke` t-tielet talba ghandha tigi michuda;

13. Illi, l-ispejjez u l-imghax ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti stante li din l-azzjoni hija wahda frivola u vessatorja;

Ghaldaqstant, ghal motivi premessi u l-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tal-kawza, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli qorti, joghgobha:

1. Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet tar-rikorrenti; u

2. Tilqa` l-ewwel talba; u

3. Tiddispensa minn din il-kawza billi tiddikjara li hija frivola u vessatorja u tordna li l-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ din l-istanza, jithallasu mir-rikorrenti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara li kien ezegwit il-mandat ta’ qbid ezekuttiv in dizamina riferit kemm mir-rikorrenti kif ukoll mill-intimat, (ara fol 1 u fol 7), gew maqbuda diversi oggetti mill-marixxall esekutant;
2. Illi l-istess att esekuttiv kien gie ezegwit fil-fond numru 3, Sqaq numru 3, Triq il-Providenza, Hal-Balzan;

3. Illi l-fond indikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta li hu l-proprjeta` tar-rikorrenti fuq indikati;

4. Illi l-mandat esekuttiv fuq indikat inhareg fil-konfront ta’ iben ir-rikorrenti odjerni;

5. Illi ma tezisti l-ebda relazzjoni bejn il-partijiet f’din il-kawza;

6. Illi l-konfuzjoni rizultanti hi naxxenti mill-fatt li l-mandat ezekuttiv in dizamina kien gie ezegwit fil-fond proprjeta` tar-rikorrenti u mhux fi proprjeta` li tappartjeni lid-debitur ta’ l-intimat;

7. Illi in effetti l-istess rikorrenti jsostni li "*…l-ghamara kollha elenkata fil-mandat meritu ta' din il-kawza hi kollha proprjeta` tieghi u tal-mara"*, (ara fol 16);

8. Illi l-konfuzjoni setghet giet skatenata mill-fatt li iben ir-rikorrenti li jirrizulta li ghandu xi rabta legali ma l-intimat, ghamel perjodu jghix mal-genituri tieghu fil-fond fejn eventwalment kien gie ezegwit il-mandat ta' qbid de quo, izda l-mobbli maqbuda ma kienux proprjeta` tieghu izda tal-genituri tieghu li maghhom kien jghix;

Ikkunsidrat:

Illi l-asserzjoni guramentata tal-proprjetarju involut ghandha l-effett li titfa` dubbju serju fuq l-appartenenza tal-mobbli maqbuda;

Illi fl-esekuzzjoni ta' mandati wiehed ghandu jippretendi li minhabba l-effetti serji li jirrizultaw mill-esekuzzjoni ta' dawn l-atti, wiehed ghandu jkun jaf bi precizjoni lil min dawn il-mobbli jappartjenu altrimenti jinholoq stat konfuzjonali li jwaddab lill-protagonisti nvoluti fi stat ta' ansjeta` inutili u fi proceduri dispendjuzi u finanzjarjament kospikwi inutilment;

Ikkunsidrat:

Illi l-asserzjoni guramentata tar-rikorrenti ma gietx ribattuta mill-intimat li jidher li qieghed jippretendi li ghaliex uza l-atti li tippermettilu l-ligi, allura qieghed fir-ragun;

Illi in effetti l-ligi tirrikjedi ferm aktar;

Illi fil-fatt l-esekuzzjoni ta' titolu legali li wiehed jista' jkollu ghandu jibqa' dejjem fi stat ta' legalita` - stat li fil-kaz odjern, jirrikjedi li l-esekuzzjoni tal-mandat ezekuttiv in dizamina ghandha tkun esklussivament fuq il-proprjeta` tal-persuna li jindirizza l-mandat ezekuttiv in dizamina u mhux fuq terzi injari;

Illi in vista tal-provi prodotti jirrizulta li l-mandat de quo kien ezegwit fuq mobbli appartanenti lill-terzi u mhux lill-persuna li effettivament kienet il-mira ta’ l-istess mandat;

Illi konsegwentement din il-qorti ma tistax hlief li tikkonstata dan l-istat ta’ fatt li rrizulta u ghalhekk, filwaqt li tirrespingi r-risposta intera ta’ l-intimat:

1. Tirrevoka d-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-22 t’Ottubru tas-sena 2007, kif indikat fir-rikors promotur, u

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat Andre` Scerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------